

**RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET
IFFINANZJATI MIT-8, MID-9 U MILL-10 FONDI
EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP (FEŻ)**

Rapport Annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9 u mill-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>
Introduzzjoni	1-10
Karakteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	2-10
Kapitolu I — IT-8, id-9 u l-10 FEŻ	11-15
Implimentazzjoni	11-14
Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	15
Kapitolu II — Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mill-qorti DWAR IL-FEŻ	16-51
Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-Awditur Indipendenti	I-X
Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni	16-44
Ambitu u approċċ tal-awditjar	16-18
Affidabbiltà tal-kontijiet	19-20
Regolarità tat-tranżazzjonijiet	21-30
Effettività tas-sistemi	31-44
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	45-47
Konklużjonijiet	45-47
Rakkomandazzjonijiet	48-51

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport annwali jippreżenta l-valutazzjoni mill-Qorti tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2012 tingħata fit-**Tabella 1**.

Tabella 1 — Fondi Ewropej għall-Iżvilupp — Informazzjoni ewlenija 2012

(EUR miljun)

Titolu tal-baġit	Qasam ta' politika	Deskrizzjoni	Pagamenti 2012	Mod ta' ġestjoni	
Fondi Ewropej għall-Iżvilupp	it-8 FEŻ	Nefqa operazzjonali	Proġetti	22	Deċentralizzata
			Proġetti	5	Ċentralizzata u diretta
			Proġetti	2	Ċentralizzata u indiretta
			Proġetti	0	Ġestjoni konġunta
			Appoġġ baġitarju	0	Ċentralizzata u diretta
				0	
			29		
	id-9 FEŻ	Nefqa operazzjonali	Proġetti	383	Deċentralizzata
			Proġetti	95	Ġestjoni konġunta
			Proġetti	90	Ċentralizzata u diretta
			Appoġġ baġitarju	16	Ċentralizzata u diretta
			Proġetti	15	Ċentralizzata u indiretta
				0	
			599		
	l-10 FEŻ	Nefqa operazzjonali	Appoġġ baġitarju	824	Ċentralizzata u diretta
Proġetti			775	Ġestjoni konġunta	
Proġetti			624	Deċentralizzata	
Proġetti			299	Ċentralizzata u diretta	
Proġetti			45	Ċentralizzata u indiretta	
			97		
		2 664			

Total tan-nefqa operazzjonali (Proġetti)	2 355
Total tan-nefqa operazzjonali (Appoġġ baġitarju)	840
Total tan-nefqa amministrattiva	97
Total tal-pagamenti	3 292
– pagamenti bil-quddiem	1 738
+ approvazzjoni ta' pagamenti bil-quddiem	1 369
Popolazzjoni awditjata	2 923

Total tal-impenji individwali ⁽¹⁾ **3 226**

Total tal-impenji globali ⁽¹⁾ **3 163**

(¹) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament. Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

2. Il-FEŻ huma l-istrument prinċipali għall-għoti tal-għaj-nuna mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE). Il-ftehim ta' sħubija, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou"), huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u l-PTEE. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qirda tal-faqar.

3. Il-FEŻ huma ffinanzjati mill-Istati Membri, irregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess u ġestiti, mill-Kummissjoni Ewropea, barra l-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE. Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) iġesti l-faċilità ta' investment, li mhijiex koperta mid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti jew mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾ ⁽²⁾.

4. Il-FEŻ huma kważi kollha kemm huma ġestiti mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (EuropeAid), li jġesti wkoll firxa wiesgħa ta' nfiq mill-baġit tal-UE ⁽³⁾ ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Ara l-Artikoli 118, 125 u 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1) u l-Opinjoni tal-Qorti Nru 9/2007 dwar il-proposta għal dan ir-Regolament (ĠU C 23, 28.1.2008, p. 3).

⁽²⁾ Ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008) jistabbilixxi regoli għall-awditu ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti.

⁽³⁾ Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (DG ECHO) iġesti 1,2 % tal-infiq mill-FEŻ.

⁽⁴⁾ Ara l-Kapitolu 7 "Relazzjonijiet esterni, għajjnuna u tkabbir" tar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5. L-interventi tal-FEŻ huma implimentati permezz ta' proġetti u appoġġ baġitarju ⁽⁵⁾ taħt tliet arranġamenti prinċipali. Fl-2012, 43 % tal-pagamenti saru taħt ġestjoni ċentralizzata, 30 % taħt ġestjoni deċentralizzata u 27 % taħt ġestjoni konġunta ⁽⁶⁾ (ara t-**Tabella 1**).

6. L-infiq kopert f'dan ir-rapport huwa magħmul taħt firxa wiesgħa ta' metodi ta' twassil, li tqiegħdu fis-seħħ f'79 pajjiż. Regoli u proċeduri ta' spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. Il-Qorti vvalutat ir-riskju bħala għoli b'mod inerenti.

7. F'żewġ oqsma – appoġġ baġitarju ⁽⁷⁾ u kontribuzzjonijiet tal-UE lil proġetti b'donaturi multipli mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ⁽⁸⁾ bħan-NU – in-natura tal-istrumenti u tal-kundizzjonijiet għal pagament jillimitaw il-firxa sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji kif definit fl-awditu mill-Qorti tar-regolarità.

8. L-appoġġ baġitarju huwa mħallas b'appoġġ ta' baġit ġenerali ta' stat jew il-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-Qorti teżamina jekk il-Kummissjoni rrispettatx il-kundizzjonijiet speċifiċi biex isiru l-pagamenti ta' appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk urietx li saret konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħalma huwa l-progress fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

9. Madankollu l-Kummissjoni għandha flessibiltà konsiderevoli meta tiġi biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ntlaħqux. L-awditu mill-Qorti tar-regolarità ma jstax imur lil hinn mill-istadju li fih titħallas l-għajnuna lil pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad huma amalgamati mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu mhux se tiġġenera żbalji fl-awditu mill-Qorti tar-regolarità.

⁽⁵⁾ L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni għat-teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb. Jipprovi riżorsi baġitarji addizzjonali biex tiġi appoġġata strateġija ta' żvilupp nazzjonali.

⁽⁶⁾ Taħt ġestjoni ċentralizzata, l-għajnuna hija implimentata b'mod dirett mis-servizzi tal-Kummissjoni (kwartieri ġenerali jew delegazzjonijiet) jew indirettament permezz ta' korpi nazzjonali (eż. aġenzija tal-iżvilupp ta' Stat Membru tal-UE). Taħt ġestjoni deċentralizzata, l-implimentazzjoni hija delegata lil pajjiż terz. Taħt ġestjoni konġunta, l-implimentazzjoni hija delegata lil organizzazzjoni internazzjonali.

⁽⁷⁾ Pagamenti grossi stmati flivell ta' EUR 840 miljun fl-2012.

⁽⁸⁾ Pagamenti grossi stmati flivell ta' EUR 632 miljun fl-2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10. Il-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni għal proġetti b'donaturi multipli jiġu ppuljati ma' dawk ta' donaturi oħra u mhumiex assenjati għal oġġetti speċifiċi identifikabbli ta' nfiq.

KAPITOLU I — IT-8, ID-9 U L-10 FEŻ**Implimentazzjoni**

11. Kull ftehim tal-FEŻ normalment jiġi konkluż għal perjodu ta' impenn ta' madwar ħames snin, iżda l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu itwal. Fl-2012, saru pagamenti mit-8, mid-9 u mill-10 FEŻ. It-tmien FEŻ (1995-2000) jammonta għal EUR 14 625 miljun u d-disa' FEŻ (2000-2007) għal EUR 15 200 miljun.

12. L-10 FEŻ (2008-2013) jammonta għal EUR 22 682 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 21 967 miljun jiġu allokati lill-pajjiżi AKP u EUR 285 miljun lill-PTEE. Dawn l-ammonti jinkludu EUR 1 500 miljun u EUR 30 miljun għall-faċilità ta' investment ġestita mill-BEI għall-pajjiżi AKP u PTEE rispettivament. Fl-aħħar nett, EUR 430 miljun huma assenjati għan-nefqa tal-Kummissjoni għall-programmazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-FEŻ.

13. Fl-2012, il-kontribuzzjonijiet totali mill-Istati Membri ammontaw għal EUR 2 600 miljun.

14. It-**Tabella 2** turi l-użu, matul l-2012 u b'mod kumulattiv, tar-riżorsi tal-FEŻ. Impenji individwali kienu 27 % ogħla mit-tbassir inizjali, partikolarment minħabba l-approvazzjoni tal-appoġġ tal-UE ta' EUR 400 miljun għall-inizjattiva Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd, li ma kienx ippjanat inizjalment. Il-pagamenti kienu 8 % aktar milli mbassra inizjalment, prinċipalment minħabba l-ammont ogħla ta' impenji milli mistenni. Impenji pendenti baqgħu stabbli meta mqabbla mal-2011.

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

15. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-FEŻ⁽⁹⁾. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan ir-rapport jippreżenta b'mod preċiż l-informazzjoni finanzjarja relevanti.

⁽⁹⁾ L-Artikoli 118, 124 u 156 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

Tabella 2 — Użu tar-riżorsi tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2012

(EUR miljun)

	Sitwazzjoni fi tmiem l-2011		Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2012 (nett) ⁽⁶⁾				Sitwazzjoni fi tmiem l-2012				
	Ammont globali	Rata ta' implimentazzjoni ⁽²⁾	it-8 FEŻ ⁽³⁾	id-9 FEŻ ⁽³⁾	l-10 FEŻ	Ammont globali	it-8 FEŻ	id-9 FEŻ	l-10 FEŻ	Ammont globali	Rata ta' implimentazzjoni ⁽²⁾
A — RIŻORSI ⁽¹⁾	48 854		- 79	- 102	246	66	10 584	16 450	21 885	48 920	
B — UŻU											
1. Impenji globali ⁽⁴⁾	40 827	83,6 %	- 64	- 297	3 524	3 163	10 576	16 157	17 258	43 991	89,9 %
2. Impenji individwali ⁽⁵⁾	34 833	71,3 %	- 46	- 187	3 460	3 226	10 448	15 504	12 107	38 059	77,8 %
3. Pagamenti	29 208	59,8 %	15	539	2 655	3 209	10 345	14 566	7 507	32 417	66,3 %
C — Impenji pendenti (B1 – B3)	11 619	23,8 %					231	1 591	9 751	11 574	23,7 %
D — Bilanċ disponibbli (A – B1)	8 027	16,4 %					8	293	4 627	4 929	10,1 %

⁽¹⁾ Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9 u għall-10 FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.

⁽²⁾ Bħala perċentwal tar-riżorsi.

⁽³⁾ Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.

⁽⁴⁾ Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.

⁽⁵⁾ Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

⁽⁶⁾ Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

Sors: Il-Qorti tal-Awdituri, ibbażata fuq rapporti tal-FEŻ dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2012.

KAPITOLU II — ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI MILL-QORTI DWAR IL-FEŻ

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-Awditur Indipendenti

I — Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ, li japplika wkoll għall-FEŻ preċedenti, il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp li jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella tal-partiti pagabbli lill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 approvati mill-Kummissjoni fis-16 ta' Lulju 2013; u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet fi ħdan il-qafas legali tal-FEŻ fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li għall-ġestjoni finanzjarja tagħha l-Kummissjoni hija responsabbli ⁽¹⁰⁾.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

II — Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għat-8, għad-9 u għall-10 FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ fuq il-bażi ta' standards kontabilistiċi għas-settur pubbliku aċċettati internazzjonalment ⁽¹¹⁾ u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu f'konformità mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

Ir-responsabbiltà tal-awditur

III — Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti mexxiet l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

⁽¹⁰⁾ Skont l-Artikoli 2, 3, 4, 125(4) u 134 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar FEŻ din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ma testendix għall-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li huma ġestiti mill-BEI u li għalihom dan huwa responsabbli.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli u metodi kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-FEŻ huma mfassla abbażi tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew fin-nuqqas ta' dan, l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti u mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà

IV — Awditu jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqiesu l-kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, u s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jifasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi iżda mhux għall-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

V — Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovi bażi għall-opinjoni tagħha.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

VI — Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2012, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom u t-tibdil fl-assi netti, għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u skont l-istandards kontabilistiċi għas-settur pubbliku aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

VII — Fl-Opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Impenji

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

VIII — Fl-opinjoni tal-Qorti, l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

IX — Il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma parzjalment effettivi biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet. L-istima mill-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għat-tranżazzjonijiet ta' nfiq mid-8, mid-9 u mill-10 FEŻ hija ta' 3,0 %.

Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

X — Fl-opinjoni tal-Qorti, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu tal-bażi għall-opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 huma milquta materjalment minn żball.

Il-5 ta' Settembru 2013

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni*Ambitu u approċċ tal-awditjar*

16. L-osservazzjonijiet fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ huma deskritti fil-paragrafu VI tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u huma bbażati fuq awditu tar-rapporti finanzjarji ⁽¹²⁾ u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tat-8, tad-9, u tal-10 FEŻ ⁽¹³⁾. Dan kien jinvolvi l-ittestjar ta' ammonti u divulgazzjonijiet u l-valutazzjoni tal-prinċipji kontabilistiċi użati, l-istimi sinifikanti magħmula mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

17. L-**Anness 1.1**, il-**parti 2**, tal-Kapitolu 1 tar-rapport annwali 2012 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessiva tal-Qorti. L-osservazzjonijiet fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-FEŻ huwa deskritti fil-paragrafi VII sa X tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u huma bbażati fuq il-komponenti li ġejjin:

- (a) l-eżaminar tal-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet ta' dħul;
- (b) l-eżaminar ta' kampjun ta' 30 impenn ⁽¹⁴⁾;
- (c) l-eżaminar ta' kampjun ta' 167 tranżazzjoni interim u finali approvati minn 7 delegazzjonijiet tal-UE jew il-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni ⁽¹⁵⁾. Fejn kien meħtieġ, organizzazzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni u benefiċjarji finali nżaru fuq il-post sabiex jiġu vverifikati l-pagamenti ta' bażi ddikjarati fir-rapporti finanzjarji jew fid-dikjarazzjonijiet tal-ispiża;
- (d) valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fil-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid u fid-delegazzjonijiet, li jkopru l-elementi li ġejjin;

⁽¹²⁾ Ara l-Artikolu 122 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tad-dħul u l-infiq tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella ta' elementi pagabbli lill-FEŻ.

⁽¹³⁾ Ara l-Artikolu 123 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jinkludu tabelli ta' approprijazzjonijiet, impenji u pagamenti.

⁽¹⁴⁾ Impenji finanzjarji globali u l-impenji legali korrispondenti (ftehimiet ta' finanzjament) wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament mill-Kummissjoni.

⁽¹⁵⁾ Il-EuropeAid:126 proġett u 40 pagament ta' appoġġ baġitarju; id-DĠ ECHO: pagament wieħed fuq proġett għall-għajnuna umani-tarja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

- (i) kontrolli *ex-ante* minn uffiċjali awtorizzanti, superviżuri esterni (għall-kuntratti tax-xogħlijiet) jew awdituri esterni (għal stimi ta' programmi⁽¹⁶⁾), għotjiet u kuntratti tas-servizz ibbażati fuq tariffi). Il-Qorti analizzat għaliex l-iżbalji li nqabdu minnha kienu saru;
- (ii) monitoraġġ u sorveljanza. Dan inkluda eżaminar tal-istudju mill-EuropeAid dwar ir-rata tal-iżball residwu tal-2012 (RER), li parzjalment iddependa fuq ix-xogħol li twettaq mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS)⁽¹⁷⁾;
- (iii) awditu intern;
- (e) analiżi tar-rapport annwali tal-attività (RAA) mid-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid.

18. Kif indikat fil-paragrafu 4, il-EuropeAid jimplementa l-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta' assistenza esterna ffinanzjati mill-baġit ġenerali u mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tal-Qorti li jikkonċernaw kemm l-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll kif ukoll l-affidabbiltà tar-RAA u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2012 jirreferu għall-qasam sħiħ ta' responsabbiltà tal-EuropeAid.

Affidabbiltà tal-kontijiet

19. Il-kont tar-riżultat ekonomiku jinkludi bħala dħul imgħax fuq il-prefinanzjament fir-rigward ta' pagamenti ta' prefinanzjament ta' aktar minn EUR 250 000 lill-benefiċjarji. Sabiex tirkupra imgħax fuq pagamenti akbar ta' prefinanzjament mill-benefiċjarji (jiġifieri daww il fuq minn EUR 750 000), il-Kummissjoni hija meħtieġa toħroġ ordnijiet ta' rkupru fuq bażi annwali⁽¹⁸⁾. Madankollu, tali rkupri rarament isiru. Barra minn dan, l-imgħax iġġenerat mill-pagamenti ta' prefinanzjament huwa xi kultant nnettjat kontra klejms għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba: dan l-imgħax mhuwiex rikonoxxut bħala dħul fir-rapporti finanzjarji.

19. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li minkejja tfakkira lill-AOS sottodelegat fin-nota annwali ta' qabel l-għeluq, l-irkupri għal imgħax fuq PFs ta' iktar minn EUR 750 000 mhux dejjem ikunu magħmula kull sena. Madankollu, DEVCO jixtieq jenfasizza li l-imgħax miksub mill-prefinanzjament hu dejjem meġjus meta tiġi stabbilita s-sitwazzjoni finanzjarja qabel ma jingħalqu l-kuntratti. Fl-2013 DEVCO se jwettaq azzjoni speċifika fuq din il-kwistjoni:

- Nota ta' tfakkir lil AOS dwar ir-regoli FR fuq din il-kwistjoni
- Analiżi dettaljata tal-kuntratti kollha b'PFs mifutha ta' iktar minn EUR 750 000 fi tmiem is-sena 2012

⁽¹⁶⁾ Titħejja stima tal-programm, normalment kull sena biex tistabbilixxi programm ta' ħidma u r-riżorsi meħtieġa biex dan jitwettaq. Hija implimentata mill-istituzzjoni jew mill-benefiċjarju kkonċernat iżda suġġetta għal approvazzjoni minn qabel mir-rappreżentant tal-pajjiż sieħeb u mill-Kummissjoni.

⁽¹⁷⁾ L-IAS huwa direttorat ġenerali tal-Kummissjoni. Huwa mmexxi mill-Awditur Intern tal-Kummissjoni u jirrapporta lill-Kumitat ta' Progress tal-Awditjar tiegħu. Il-kompitu tiegħu huwa li jipprovi aċċertament indipendenti dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern u li jgħin lill-Kummissjoni permezz ta' opinjonijiet, pariri u rakkomandazzjonijiet.

⁽¹⁸⁾ L-Artikolu 8(3) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

20. Bħal fi snin preċedenti, il-Qorti spiss identifikat tranżazzjonijiet li kienu ġew irreġistrati b'mod skorrett⁽¹⁹⁾. Studju li twettaq mill-EuropeAid fl-2012 ukoll sab li t-tranżazzjonijiet b'mod frekwenti kienu rreġistrati b'mod skorrett fis-Sistema Komuni ta' Informazzjoni RELEX (CRIS). Filwaqt li l-Qorti ma sabet ebda żball materjali f'din il-konnessjoni għall-affidabbiltà tal-kontijiet, dawn l-iżbalji jibqgħu sors ta' tħassib peress li jaffettwaw il-preċiżjoni tad-data użata għat-tħejjija tal-kontijiet annwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju annwali ta' limitu fi tmiem is-sena⁽²⁰⁾.

Għal PFs li huma aktar minn EUR 250 000 iżda iżgħar minn EUR 750 000 is-sistema lokali CRIS FED f'dan il-mument tippermetti biss ordnijiet għall-irkupru li jridu jiddaħħlu mill-ġdid lejn il-linja oriġinali ta' spejjeż, u b'hekk ma tippermettix rikonossiment tal-imgħax. Id-DĠ DEVCO ħaseb għal żvilupp tas-sistema CRIS li tippermetti r-rikonossiment li huwa skedat li jkun disponibbli mhux qabel Ottubru 2013.

20. Kif semmiet il-Qorti, il-Kummissjoni għamlet sforzi importanti fl-2012 li rriżultaw f'titjib konsiderevoli tal-kwalità tad-dejta. Il-Kummissjoni tenfasizza l-intenzjonijiet tagħha biex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tad-dejta.

Wara studju estensiv li sar fl-2012, ġie elaborat Pjan ta' Azzjoni u qed jiġi ffinalizzat (adozzjoni mmirata f'nofs Lulju 2013), b'diversi elementi li diġà qegħdin jiġu investigati u/jew implimentati. Flimkien ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni issa qed taħdem biex tkompli titjeb il-kwalità tad-dejta permezz ta' diversi assi, li fosthom huma:

- (a) Titjib ta' CRIS sabiex jiġi żgurat li jsiru inqas żbalji minn utenti (pereżempju l-azzjoni 4.0 fil-"Master Plan", li jimmira lejn titjib CRIS tal-interfaċċja tal-utent, rieżami tad-dokumentazzjoni CRIS kif ukoll il-ħolqien ta' dizżjunarju tad-dejta)
- (b) Monitoraġġ kontinwu tad-dejta CRIS mill-kwartieri ġenerali, permezz ta' kontrolli awtomatizzati, testijiet immirati ta' kwalità dwar il-kontabbiltà u t-tneđija ta' studji dwar punti speċifiċi wara valutazzjoni tar-riskju
- (c) Titjib fl-informazzjoni pprovduta lill-utenti permezz tal-bażi ta' dejta ta' għarfien CRIS u korsijiet speċifiċi
- (d) It-twaqqif ta' iżjed KPIs immirati li jżidu l-għarfien ta' importanza ta' kwalità tajba u dejta kompluta.

Regolarità tat-tranżazzjonijiet

21. L-**Annex 1** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet.

Dħul

22. L-awditu mill-Qorti tat-tranżazzjonijiet ta' dħul sab li dawn kienu ħielsa minn żball materjali.

⁽¹⁹⁾ Eż. it-tip ta' kuntratt, id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-kuntratt, il-mod ta' ġestjoni.

⁽²⁰⁾ L-eżerċizzju ta' limitu jfittex li jiżgura li kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa jiġu rreġistrati b'mod komplet u preċiż fil-perjodu kontabilistiku korrett.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Impenji

23. L-awditu mill-Qorti tal-impenji sab li dawn kienu ħielsa minn żball materjali. Pagamenti

Tranżazzjonijiet ta' nfiq

24. Mill-167 tranżazzjoni awditjati mill-Qorti, 44 (26 %) kienu milquta minn żball. Il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 3,0 % ⁽²¹⁾.

Proġetti

25. Mill-127 tranżazzjoni ta' nfiq ikkampjunati, 41 (32 %) kienu milquta minn żbalji, li minnhom 28 (68 %) kienu żbalji kwantifikabbli. Mit-28 tranżazzjoni milquta minn żbalji kwantifikabbli, 20 kienu tranżazzjonijiet finali li kienu diġà ġew iċċekkjati mill-Kummissjoni.

26. Żbalji nstabu aktar frekwentement fi tranżazzjonijiet relatati ma' stimi ta' programmi, għotjiet u ftehimiet ta' kontribuzzjonijiet bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, milli f'forom oħra ta' appoġġ: mill-71 tranżazzjoni ta' dan it-tip li ġew ittestjati, 31 (44 %) kienu milquta minn żball.

27. It-tipi prinċipali ta' żbalji kwantifikabbli li nstabu fi tranżazzjonijiet relatati mal-proġetti kienu jikkonċernaw (ara l-kaxxa 1):

- (a) eliġibbiltà: infiq relatat ma' attivitajiet li ma kinux koperti mill-kuntratt (12-il tranżazzjoni), nuqqas ta' konformità mal-proċeduri ta' akkwist mill-benefiċjarju (4 tranżazzjonijiet), u nfiq imġarrab barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni (2 tranżazzjonijiet) jew li qabżu l-baġit stabbilit (2 tranżazzjonijiet milquta);
- (b) okkorrenza: nuqqas ta' fatturi jew ta' dokumenti oħra ta' sostenn li jiġġustifikaw l-infiq (2 tranżazzjonijiet), servizzi li ma nġatawx jew xogħlijiet mhux imwettqa (2 tranżazzjonijiet) u nfiq li ma ġġarrabx mill-benefiċjarji (tranżazzjoni waħda);
- (c) preċiżjoni: kalkolu skorrett tal-infiq ikklejmjat (3 tranżazzjonijiet).

⁽²¹⁾ Il-Qorti tikkalkula l-istima ta' rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 1,5 % u 4,5 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivamente).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Kaxxa 1 — Eżempji ta' żbalji fi tranżazzjonijiet ta' proġetti

Xogħlijiet mhux imwettqa

Il-Qorti eżaminat pagament interim ta' EUR 464 640 taħt kuntratt għall-manutenzjoni tat-toroq fis-Senegal. Xogħlijiet li jirrigwardaw il-konsolidazzjoni tal-parti ta' isfel ta' imbankment fatturati mill-kuntrattur, iċċertifikati mis-superviżur u mħallsa mill-Kummissjoni ma kinux twettqu. Sussegwentement il-Kummissjoni varat awditu tekniku u kumprensiv tal-kuntratt.

Valur tal-kuntratt miżjud 'il fuq mil-limitu permissibbli

Il-Qorti eżaminat l-approvazzjoni ta' pagament bil-quddiem ta' EUR 305 738 taħt programm ta' appoġġ fis-settur tas-saħħa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Il-valur ta' żewġ kuntratti kien ġie miżjud bi 58 % u 68 % rispettivament għal xogħlijiet addizzjonali li kienu meħtieġa biex il-kuntratt oriġinali jiġi kkompletat. L-unità ta' ġestjoni tal-proġett fid-dipartiment tal-gvern nazzjonali ma kienx konxju mill-fatt li kien hemm limitu ta' 50 % tal-valur tal-kuntratt inizjali għal tali xogħlijiet addizzjonali.

28. It-tipi l-aktar frekwenti ta' żbalji mhux kwantifikabbli kienu jikkonċernaw dokumenti ta' sostenn insuffiċjenti (ħames tranżazzjonijiet) u nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist (ħames tranżazzjonijiet).

Appoġġ baġitarju

29. Għall-40 tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju ttestjati, tlieta (8 %) kienu milquta minn żbalji, li minnhom tnejn (67 %) kienu żbalji kwantifikabbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Kaxxa 1 — Eżempji ta' żbalji f'tranżazzjonijiet ta' proġetti

Xogħlijiet li ma twettqux

Ir-rapport tal-awditu tekniku ta' April 2013 jindika li b'kollox total ta' EUR 39 095 (0.94 % tal-prezz total tal-kuntratt) impost għar-rinfurzar tal-ġnub ta' toroq, ma kinux twettqu.

Il-kuntrattur tax-xogħlijiet sadanittant wettaq l-infurzar tal-ġnub tat-toroq, li kienu ġew fatturati.

L-awtorità kontraenti deċentralizzata, fil-mument tad-dikjarazzjoni finali tal-kontijiet, se tiddeċiedi dwar l-impożizzjoni possibbli ta' ordnijiet ta' rkupru u penalitajiet kuntrattwali mal-kuntrattur tax-xogħlijiet u mal-kuntrattur li ssorveljaw ix-xogħlijiet.

Il-valur tal-kuntratt qabeż il-limitu permess

Awditjar komplementari sabiex ikunu identifikati kwalunkwe ammonti ineliġibbli oħrajn tinsab għaddejja.

Id-delegazzjoni tal-UE fakkret lin-NAO dwar ir-regoli applikabbli. In-NAO baġhat nota ċirkolari, li l-kontenut tiegħu kien miftiehem qabel mad-delegazzjoni tal-UE.

29. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-analiżi tal-Qorti ta' żball wieħed kwantifikabbli.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

30. L-iżbalji kwantifikabbli maqbuda mill-Qorti fit-tranżazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni skorretta tal-metodu ta' evalwazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk ir-riċevituri kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet għal pagamenti relatati mal-prestazzjoni, jew in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-konformità ma' kundizzjonijiet speċifiċi għal pagamenti (żewġ tranżazzjonijiet) (ara l-kaxxa 2). Il-Qorti identifikat ukoll iżbalji mhux kwantifikabbli: il-Kummissjoni naqset milli turi b'mod sodisfaċenti li r-riċevituri kienu kkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà għal pagamenti ta' appoġġ baġitarju ⁽²²⁾. Il-Kummissjoni ma qabblitx il-progress tal-pajjiżi riċevituri fl-implimentazzjoni ta' politiki speċifiċi jew ta' riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi mal-objettivi stabbiliti għall-perjodu eżaminat (żewġ tranżazzjonijiet).

Kaxxa 2 — Eżempju ta' żball fi tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju

Nuqqas ta' stabbiliment ta' kundizzjoni speċifika għal pagament

Il-Qorti eżaminat pagament ta' EUR 600 000 relatat mal-appoġġ għall-Programm ta' Riforma Ekonomika 2007-2010 f'Vanuatu, inkluż segment varjabbli ta' EUR 200 000 ibbażat fuq il-prestazzjoni. Skont il-ftehim ta' finanzjament, il-Kummissjoni kienet meħtieġa tagħżel indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni stabbiliti fir-rapport ta' żvilupp annwali fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, iżda dan ma għamlitx. Il-Kummissjoni qieset li kien biżżejjed li hija tiddependi fuq valutazzjoni tal-progress kumplessiv ta' Vanuatu fir-riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (kundizzjoni ġenerali ta' eliġibbiltà) biex tiżborża s-segment varjabbli. Din kienet f'kontradizzjoni mal-ftehim ta' finanzjament, li jipprovdli li l-Kummissjoni tagħmel il-pagament biss jekk ikunu ntlaħqu kemm il-kundizzjonijiet speċifiċi kif ukoll dawk ġenerali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

30. L-appoġġ baġitarju huwa strument ta' politika bbażat fuq relazzjoni fit-tul ta' fiduċja bejn il-Kummissjoni u l-pajjiżi msieħba. Meta tkun qed tiddeċiedi dwar ir-rilaxx ta' pagament, il-Kummissjoni tqis il-progress li sar fir-rigward indikaturi individwali u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni bi pjaċir tinnota t-tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' iżbalji mhux kwantifikabbli matul dawn l-aħħar snin.

Il-Kummissjoni tqis li l-kisba ta' valuri ta' indikaturi, li kien intlaħaq qbil fuqhom b'mod konġunt mal-gvern imsieħeb, m'għandhomx jiġu evalwati b'mod strett wisq. Filwaqt li l-kundizzjonijiet għal pagamenti relatati mal-prestazzjoni għandhom rwol importanti fil-proċess li jstimula l-pajjiżi sabiex jiksbu progress fuq l-għanijiet politiċi essenzjali, il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi jridu jiġu evalwati, waqt li jitqiesu l-għanijiet li huma jkejlu u l-kuntest li fih iseħħ l-iżvilupp tal-pajjiż.

Kaxxa 2 — Eżempju ta' żball f'tranżazzjoni ta' appoġġ tal-baġit

Nuqqas ta' ffissar ta' kundizzjoni speċifika ta' pagament

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, kundizzjonijiet PFM kemm ġenerali u speċifiċi fl-FA huma essenzjalment l-istess u huma relatati ma' progress fir-riforma għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi globali. B'mod pożittiv, il-Kummissjoni evalwat il-progress ġenerali tal-Vanuwatu fir-riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi sal-2010. L-indikaturi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi frapport dwar l-iżvilupp annwali tal-gvern jikkonfermaw din it-tendenza pożittiva. Barra minn hekk, id-delegazzjoni kkonfermat li din ix-xejra pożittiva u l-isforz ġie sostnut, skont l-Istrateġija ta' Riforma PFM tal-2008, matul is-sena politikament diffiċli tal-2011.

⁽²²⁾ Il-Qorti nnutat ukoll dgħufijiet fis-sistemi. Il-ftehimiet ta' finanzjament xi kultant jinkludu kundizzjonijiet kwantifikati għal pagament li jkunu stretti u mhux realistiki. Pereżempju, wieħed minnhom stabbilixxa kopertura ta' 100 % għal kampanja ta' tilqim bħala kundizzjoni għal pagament. Tali livell ta' kopertura ma huwa ssodisfat fl-ebda pajjiż fid-dinja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Effettività tas-sistemi

31. L-**Anness 2** fi sommarju tar-riżultati tal-eżaminar mill-Qorti tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll.

Kontrolli ex-ante

32. Fid-dawl tal-ambjent ta' riskju għoli (ara l-paragrafu 6), il-EuropeAid jiddependi prinċipalment fuq kontrolli *ex-ante* (kontrolli mill-persunal tal-Kummissjoni, minn superviżuri esterni jew minn awdituri esterni qabel ma jsiru l-pagamenti għall-proġetti) sabiex jiġu pprevenuti jew jinqabdu u jiġu kkorreġuti pagamenti irregolari. Bħal fi snin preċedenti, il-frekwenza ta' żbalji misjuba mill-Qorti, inklużi xi wħud li jaffettwaw il-klejms finali li kienu suġġetti għal awditi esterni u verifikazzjonijiet ta' nfiq, tindika dgħufijiet f'dawn il-kontrolli *ex-ante*. Studju li sar mill-EuropeAid fl-2012 ukoll sab li għadd sinifikanti (terz) tar-rapporti tal-awditjar li ġew riċevuti fl-2011 kienu ta' kwalità insuffiċjenti.

33. Żewġ delegazzjonijiet tal-UE miżjura mill-Qorti ma wettqux segwitu tajjeb tar-rapporti tal-awditjar. Ir-RAA jirrikonnoxi li kawża prinċipali ta' żbalji hija li ammonti ineliġibbli ma jiġux irkuprati, jew li ma jkunx hemm spjegazzjoni għannuqqas ta' rkupru, b'segwitu għal rapporti tal-awditjar jew ta' verifikazzjoni tal-infiq ⁽²³⁾.

34. L-awditu tal-Qorti wera li l-approvazzjoni tard u l-ghelug tard ta' kuntratti jaffettwaw il-kwalità ta' kontrolli *ex-ante* u jżidu b'mod sinifikanti r-riskju ta' rekord interrott għall-awditjar jew in-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn ⁽²⁴⁾. Fit-tranżazzjonijiet baġitarji kemm tal-FEŻ kif ukoll tal-UE, il-Qorti sabet kuntratti antiki, l-għalihom l-infiq ġie kkljerjat tard. Konsegwentement, l-impenji finanzjarji individwali korrispondenti għadhom miftuħin jew ingħalqu żmien twil wara tmien il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-kuntratt.

32. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-kwalità tal-awditi u qed tiżviluppa għodda biex iġhinu maniġers ta' awditjar fil-Kummissjoni biex jevalwaw aħjar il-kwalità ta' rapporti ta' awditjar.

33. Fil-pjan ta' ħidma msemmi fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 38, huwa previst li permezz tal-modulu tal-Awditjar CRIS tiġi żviluppata għodda speċifika li se tippermetti lill-Kummissjoni tagħmel segwitu xieraq tar-rapporti ta' awditjar.

34. Bħala parti minn studju estern fl-2012 il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ proċedura li tanalizza l-kuntratti kollha li għalihom il-perjodu ta' attività skada għal aktar minn 18-il xahar. Is-servizzi huma mitluba jikkumentaw dwar ir-raġuni għaliex il-kuntratti jkunu għadhom miftuħa u l-pjan tagħhom li jiżguraw li l-kuntratti jistgħu jingħalqu mill-aktar fis possibbli. Dan wassal għal tnaqqis f'kuntratti miftuħa fl-aħħar tas-sena għall-FEŻ ta' 1 038 kuntratt (minn 7 470 fi tmien is-sena 2011 għal 6 432 fl-aħħar tas-sena 2012). Eżerċizzju simili kien inniedi f'April 2013 sabiex jitkompla dan l-isforz.

⁽²³⁾ Il-paġna 71.

⁽²⁴⁾ F'ħamsa minn tmien każijiet bħal dawn il-Qorti sabet żbalji kwantifikabbli.

Monitoraġġ u sorveljanza*Sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni*

35. Kif indikat frapporti annwali tal-passat⁽²⁵⁾, hemm nuqqasijiet fis-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-EuropeAid dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' awditi esterni, ta' verifikazzjonijiet tal-infiq u ta' żjarat ta' monitoraġġ. Dawn jagħmluha diffiċli għad-Direttur Ġenerali li jżomm lill-kapijiet tal-unità jew lill-kapijiet ta' delegazzjoni tal-UE responsabbli għas-segwitu u l-korrezzjoni fwaqthom tad-dgħufijiet fis-sistema u l-iżbalji identifikati.

Żjarat ta' monitoraġġ

36. Is-seba' delegazzjonijiet kollha tal-UE miżjura mill-Qorti kellhom ħarsa ġenerali tajba tal-implimentazzjoni operazzjonali tal-proġetti, prinċipalment permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ. Madankollu, waħda biss mis-seba' delegazzjonijiet tal-UE għażlet u pjanat dawn iż-żjarat fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju. Il-EuropeAid qed jiżviluppa għodda biex tgħin lid-delegazzjonijiet tal-UE jeżaminaw aħjar il-portafoll tagħhom ta' proġetti u jipprijoritizzaw żjarat lil dawk li partikolarment ikunu jeħtieġu monitoraġġ ibbażat fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju. Il-Qorti sabet ukoll dgħufijiet fil-mod li bih tnejn mis-seba' delegazzjonijiet tal-UE mmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-proġetti jew wettqu segwitu tar-riżultati ta' dawn iż-żjarat.

Studju 2012 tar-RER

37. Kif kienet irrakkomandat preċedentement il-Qorti⁽²⁶⁾, il-EuropeAid wettaq l-ewwel studju tiegħu tar-rata tal-iżball residwu (RER) biex jivvaluta l-livell ta' żball li evada l-kontrolli kollha tal-maniġment għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji. L-istudju kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet minn kuntratti magħluqa sabiex jiġi determinat jekk l-infiq kienx sar għall-finijiet intenzjonati, kienx skont ir-regoli rilevanti u ġiex ikkalkulat b'mod korrett. L-iżbalji li nstabu ntużaw biex tiġi stmata r-rata tal-iżball l-aktar probabbli fil-popolazzjoni ta' kuntratti magħluqa.

35. Il-modulu tal-awditjar tas-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-għajjuna esterna (CRIS) ġie mfassal biex jippjana u jirreġistra r-riżultati tal-awditi esterni minflok isegwi verifika magħmula mill-Kummissjoni. Madankollu l-Kummissjoni qed tippjana li tiżviluppa din il-funzjonalità fuq perjodu ta' żmien medju, jekk jippermettu r-riżorsi.

Il-Kummissjoni żviluppat għodda ta' pjan ta' ħidma għall-ippjanar ta' missjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi riforma tal-monitoraġġ u r-rappurtar sabiex tiġi implimentata fil-bidu tal-2014.

36. F'każ wieħed, id-delegazzjoni tal-UE għamlet segwitu dwar is-sejba ewlenija tar-rapport ta' monitoraġġ. Is-sitwazzjoni diffiċli ta' sigurtà kienet il-kawża prinċipali tal-problemi fit-tweqqif tax-xogħlijiet fit-toroq, identifikati fir-rapport tal-missjoni.

Fit-tieni każ, id-Delegazzjoni ħadet miżuri biex tissorvelja aktar mill-qrib l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-proġett.

⁽²⁵⁾ Il-paragrafu 42 tar-rapport annwali 2010 tal-Qorti u l-paragrafu 43 tar-rapport annwali 2011 tal-Qorti.

⁽²⁶⁾ Il-paragrafu 54(a) tar-rapport annwali 2009, il-paragrafu 62(a) tar-rapport annwali 2010 u l-paragrafu 58(a) tar-rapport annwali 2011.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

38. Ir-riżultati tal-istudju 2012 tar-RER huma ppreżentati fir-RAA ⁽²⁷⁾. L-istudju jistma li r-RER huwa 3,63 %, jiġifieri ogħla mil-livell ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mid-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid. It-tipi prinċipali ta' żbalji identifikati fl-istudju huma:

- (a) żbalji fi tranżazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (38,0 % tar-RER);
- (b) ammonti mhux irkuprati (jew ammonti li ma għandhomx spjegazzjoni għan-nuqqas ta' rkupru, barra minn organizzazzjonijiet internazzjonali) b'segwitu għal rapporti ta' missjonijiet ta' awditjar jew tal-verifikazzjoni (26,7 % of the RER);
- (c) żbalji relatati ma' fondi ġestiti indirettament minn benefiċjarji barra minn organizzazzjonijiet internazzjonali (20,1 % tar-RER);
- (d) nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar il-proċeduri ta' akkwist (15,2 % tar-RER).

39. B'mod ġenerali, it-tfassil tal-metodoloġija tar-RER kien xieraq, u l-istudju pprova riżultati interessanti u potenzjalment utli. Madankollu, hemm lok għal aktar raffinar fil-metodoloġija f'għadd ta' aspetti, relatati ma':

- (a) il-grad ta' dipendenza li jitqiegħed fuq rapporti tal-awditjar jew tal-verifikazzjoni preċedenti;
- (b) il-metodu ta' kalkolu tar-rati ta' żball fuq tranżazzjonijiet individwali;
- (c) it-trattament ta' tranżazzjonijiet fejn ma kien hemm ebda dokumentazzjoni li kienet faċilment disponibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

38. *Kif previst fil-proċeduri tal-Kummissjoni, tfassal Pjan ta' Azzjoni biex titjeb aktar is-sistema ta' kontroll intern. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, azzjonijiet ta' qawmien ta' kuxjenza, taħriġ u gwida, tisħiħ tar-responsabbiltà tad-Delegazzjonijiet, kooperazzjoni msaħħa mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-simplifikazzjoni tas-sistema ta' kontroll.*

39. *Ir-riżultati tal-istudju RER tal-2012 ingħataw direttament fil-Proċess tal-Assigurazzjoni tar-RAA tal-2012 u għalhekk kienu fil-fatt utli ħafna lill-Kummissjoni. L-istudju RER tal-2012 kien l-ewwel wieħed li ġie implimentat u t-tagħlimiet miksuba minn dan l-ewwel eżerċizzju se jippermettu għal irfinar fil-metodoloġija.*

- (a)** *Il-Kummissjoni se tiddiskuti din il-kwistjoni mal-kuntrattur.*
- (b)** *Il-Kummissjoni se tiddiskuti din il-kwistjoni mal-kuntrattur.*
- (c)** *Il-passi li għandhom jittieħdu biex jitwettqu l-istimi huma stabbiliti fid-dettall fil-manwal ta' struzzjoni RER rivedut li se jiġu applikati għall-eżerċizzju RER tal-2013.*

⁽²⁷⁾ Il-paġni 54-56.

Awditu intern

40. Fir-rapport annwali 2011 tagħha ⁽²⁸⁾, il-Qorti indikat li r-riorganizzazzjoni tal-Kummissjoni li saret fl-2011 kellha impatt kbir ħafna fuq l-attività tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) ⁽²⁹⁾. Fit-tweġiba tagħha għar-rapport annwali 2011 tal-Qorti, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li tivvaluta l-kapaċità tal-IAC u li tqis li ssahħaha jekk meħtieġ ⁽³⁰⁾. Madankollu, dan ma sarx. Ma kien hemm ebda titjib fl-2012: l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali tal-IAC reġgħet kienet affettwata b'mod sinifikanti u avvers ⁽³¹⁾.

Analiżi tar-rapport annwali tal-attività

41. Fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali jagħmel riżerva dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, peress li l-ammont meqjus friskju (EUR 259,5 miljun) jirrappreżenta aktar minn 2 % tal-pagamenti awtorizzati fil-perjodu tar-rappurtar.

42. Madankollu, id-Direttur Ġenerali jiddikjara wkoll li "il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi" ⁽³²⁾. Ir-RAA jindika wkoll li ċ-ċifra tar-RER ta' 3,63 % hija stima tal-"ammont massimu friskju" ⁽³³⁾, "ma tixħitx dubju fuq is-sistema kumplessiva ta' kontroll" u turi li "il-parti l-kbira tal-iżbalji huma marbuta ma' għadd limitat ta' dgħufijiet li jirrigwardaw prinċipalment l-implimentazzjoni tal-kontrolli, li jistgħu u sussegwentement se jiġu indirizzati mid-DĠ DEVCO matul l-2013" ⁽³⁴⁾.

⁽²⁸⁾ Ara l-paragrafu 50 tar-rapport annwali 2011 tal-Qorti.

⁽²⁹⁾ L-IAC hija unità ta' Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Hija ġestita minn Kap tal-Unità li jirrapporta direttament lid-Direttur Ġenerali. Il-kompitu tagħha huwa li ttipprovdi aċċertament indipendenti dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern bil-ħsieb li ttejjeb l-operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali.

⁽³⁰⁾ Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 59(e) tar-rapport annwali 2011 tal-Qorti.

⁽³¹⁾ L-ikkompletar tat-tbassir tal-pjan ta' ħidma annwali ta' awditu minnhom li għadu għaddej, tliet awditi ġodda u tliet awditi ta' segwitu. Awditu wieħed biss ġie kkompletat sa tmiem l-2012.

⁽³²⁾ Il-paġna 73.

⁽³³⁾ Il-paġna 71.

⁽³⁴⁾ Il-paġna 72.

40. Mill-2013, minħabba bosta miżuri li ttieħdu f'dan ir-rigward, qed jitjeb il-funzjonament tal-IAC.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

43. Il-Qorti tqis li din hija preżentazzjoni qarrieqa tar-riżultati tal-istudju tar-RER:

- (a) ir-RER mhijiex “ammont massimu” iżda l-aħjar stima (jew l-istima l-aktar probabbli). Il-livell reali ta’ żball jista’ jkun ogħla;
- (b) ir-RER mhijiex stima tal-ammont “friskju” iżda stima tal-iżball li jibqa’ mingħajr ma jinqabad u mingħajr ma jiġi kkoreġut fi tmiem iċ-ċiklu ta’ ġestjoni u hija għalhekk definittiva ⁽³⁵⁾;
- (c) is-sistemi ta’ sorveljanza u kontroll mhumiex effettivi meta jonqsu milli jaqdbu u jikkoreġu żball materjali;
- (d) ir-RAA jiddeskrivi t-tipi prinċipali ta’ żbalji li jseħħu fl-infiq tal-EuropeAid ⁽³⁶⁾ iżda, bl-eċċezzjoni ta’ dgħufijiet fil-proċess ta’ rkupru, ma janalizzax għalfejn dawn seħħu u liema aspetti tas-sistema ta’ sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid faww.

44. Fl-2012, l-IAS wettaq awditu limitat tal-proċess tar-RAA tal-EuropeAid. Huwa sab li r-RAA ma jipprovdiż biżżejjed informazzjoni dwar kif id-direttorat ġenerali bena aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq fuq bażi pluriennali. Dawn is-sejbiet jaqblu ma’ dawk tal-Qorti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

43.

- (a) Il-Kummissjoni taqbel li l-ammont fir-riskju msemmija fir-RAA tad-DĠ DEVCO tal-2012 hu l-iktar stima reali, skont l-Istruzzjonijiet Permanenti għar-Rapporti ta’ Attività Annwali għall-2012. Il-livell vera ta’ żball jista’ jkun ogħla, iżda wkoll inqas.
- (b) Il-kunċett ta’ “ammont friskju” hu applikat fir-RAA f’konformità sħiħa mal-istruzzjonijiet fis-seħħ tal-Kummissjoni għall-preparazzjoni tar-RAA. Dawn l-istruzzjonijiet jiddefinixxu l-“l-ammont friskju” bħala l-impatt finanzjarju tal-iżbalji f’termini ta’ espożizzjoni finanzjarja tal-baġit attwali matul is-sena kalendarja.

Il-Kummissjoni taqbel li r-riżultati tal-istudju RER mhumiex stima tal-ammont friskju.
- (c) Il-biċċa l-kbira tal-iżbalji huma marbuta ma’ numru limitat ta’ nuqqasijiet, prinċipalment dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli. It-tfassil tas-sistema ta’ kontroll għalhekk jidher li hu tajjeb u ma għandux għalfejn jiġi modifikat.
- (d) Għar-Rapport ta’ Attività annwali li jmiss il-Kummissjoni se twettaq l-analiżi mitluba fl-istruzzjonijiet permanenti. Il-Pjan ta’ Azzjoni msemmi fil-paragrafu 38 jindirizza t-tipi kollha ta’ żbalji identifikati mis-sistema ta’ kontroll u l-Qorti tal-Awdituri. Il-Pjan ta’ Azzjoni kien preċedut minn analiżi bir-reqqa tal-orijini ta’ dawn l-iżbalji. Barra minn hekk, għandu wkoll jinkludi definizzjonijiet mill-modi li bihom żbalji- deskritti fil-Pjan ta’ Azzjoni — huma indirizzati. L-analiżi kkonkludiet li l-kontroll tat-tfassil kif inhu kien tajjeb u li l-iżbalji li ġraw kienu primarjament minħabba kwistjonijiet ta’ implimentazzjoni.

⁽³⁵⁾ Żbalji residwi huma dawk li evadew kull kontroll ta’ prevenzjoni, ta’ detezzjoni u ta’ korrezzjoni fil-qafas ta’ kontroll eżistenti. (A Manual for Measuring the Residual Error Rate for EuropeAid (Manwal għall-Kejl tar-Rata tal-Iżball Residwu għall-EuropeAid), Mejju 2013).

⁽³⁶⁾ Il-paġni 56 u 71.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Konklużjonijiet

45. Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2012, u r-riżultati tal-operazzjonijiet u tal-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

46. Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti tikkonkludi li, għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012:

- (a) id-dħul tal-FEŻ kien ħieles minn żball materjali;
- (b) l-impenji li għalihom kienu daħlu l-FEŻ kienu ħielsa minn żball materjali;
- (c) it-tranżazzjonijiet ta' nfiq tal-FEŻ kienu milquta minn żball materjali (ara l-paragrafi 24 sa 30).

47. Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti sabet li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid li ġew eżaminati kienu parzjalment effettivi (ara l-paragrafi 18 u 31 sa 44).

Rakkomandazzjonijiet

48. L-**Anness 3** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-rapporti annwali 2009 u 2010, il-Qorti ppreżentat 16-il rakkomandazzjoni. Il-EuropeAid implimenta bis-sħiħ ħames rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tlieta kienu implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti u tmienja kienu implimentati f'xi aspetti.

49. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet implimentati f'xi aspetti biss, il-EuropeAid qed jiehju azzjoni iżda jinħtieġ aktar żmien biex ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati b'mod sodisfaċenti:

- (a) il-EuropeAid ingħaqad ma' grupp ta' ħidma mmexxi mid-DG Baġit biex janalizza l-kosteffettività tal-arkitettura kumplessiva ta' kontroll tiegħu;

47. Il-Kummissjoni taqbel li, filwaqt li t-tfassil tas-sistema ta' kontroll hu ġeneralment konsistenti u sod, għad irid isir progress dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

- (b) huwa qed jiżviluppa għodod u gwida biex id-delegazzjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jipprioritizzaw aħjar iż-żjarat ta' monitoraġġ tagħhom lill-proġetti u jivvalutaw il-kwalità tar-rapporti tal-awditjar;
- (c) huwa qed jiżviluppa funzjonijiet ġodda fi ħdan il-modulu tal-awditjar tas-sistema ta' informazzjoni tiegħu, CRIS, għat-tijib tas-segwitu tar-rapporti tal-awditjar.

50. Sar progress insuffiċjenti fir-rigward tal-kwalità tad-data fis-sistema ta' informazzjoni CRIS. Minkejja l-isforzi li saru mill-EuropeAid għal sensibilizzazzjoni fost id-delegazzjonijiet tal-UE, dan jibqa' sors ta' tħassib (ara l-paragrafu 20).

51. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2012, il-Qorti tirrakkomanda li l-EuropeAid għandu:

- **Rakkomandazzjoni 1:** jirrevedi l-metodoloġija tar-RER tiegħu;
- **Rakkomandazzjoni 2:** jipprova deskrizzjoni preċiża, fir-RAA, tar-riżultati tal-istudji tar-RER;
- **Rakkomandazzjoni 3:** jiżgura l-approvazzjoni fwaqtha tal-infiq;
- **Rakkomandazzjoni 4:** jippromwovi ġestjoni aħjar tad-dokumenti mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, u mill-benefiċjarji;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

50. Il-Kummissjoni ddefiniet "Master Plan" għall-Kwalità tad-Dejta li jinkludi Pjanijiet ta' Azzjoni varji, inklużi dawk għat-taħriġ tal-persunal u l-komunikazzjoni lejn id-Delegazzjonijiet. Dan se jiżgura li l-persunal tal-Kummissjoni huwa mħarreġ aħjar u aktar konxju tal-aħjar prattiki u linji gwida għall-kodifikazzjoni ta' dejta fil-CRIS. Proġett estensiv dwar it-tijib tal-Interfaċċja tal-Utent CRIS ġie varat ukoll li jnaqqas żbalji ta' kodifikazzjoni.

Il-Kummissjoni taqbel dwar irfinar tal-metodoloġija RER fuq il-bażi tal-lezzjonijiet meħuda minn dan l-ewwel eżerċizzju. Il-Kummissjoni diġà ħadet miżuri f'dan ir-rigward. Fil-bidu tal-eżerċizzju tal-2013 il-kuntrattur intalab jellabora metodoloġija riveduta u manwal li se jqisu l-lezzjonijiet mgħallma matul l-ewwel eżerċizzju RER fl-2012. Din il-metodoloġija rfinata se tiġi applikata matul l-eżerċizzju RER tal-2013.

Ir-RAA tal-2012 kellu deskrizzjoni tal-eżerċizzju RER li kien dettaljat kemm jista' jkun u segwa l-abbozzar tal-istruzzjonijiet. Il-Kummissjoni taqbel li fir-RAA tal-2013 għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn ir-riżultati tal-istudju RER u l-użu tagħhom għall-iskop ta' assigurazzjoni.

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u riċentement ittiedet azzjoni bil-għan li tiġi żgurata approvazzjoni tan-nefsa mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ ma' din ir-rakkomandazzjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

- **Rakkomandazzjoni 5:** jieħu miżuri effettivi sabiex itejjeb il-kwalità tal-verifikazzjonijiet tal-infiq imwettqa minn awdituri esterni;
- **Rakkomandazzjoni 6:** jiżgura l-applikazzjoni korretta ta' kundizzjonijiet speċifiċi għal pagamenti ta' appoġġ baġitarju;
- **Rakkomandazzjoni 7:** jiżgura li l-ordnijiet ta' rkupru fir-rigward ta' mgħax fuq prefinanzjament ogħla minn EUR 750 000 jinħarġu kull sena.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni msemmija fil-paragrafu 38, hija ppjanat li teżamina fl-2013 il-possibiltajiet ta' titjib tal-kwalità u l-effikaċja tal-awditi u l-verifiki. Dan se jsir b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-awditi u l-verifiki mwettqa minn ditti lokali ta' verifika mikrija mill-benefiċjarji.

Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura l-applikazzjoni korretta ta' kundizzjonijiet speċifiċi għal pagamenti għas-sostenn baġitarju. Grupp ta' ħidma dwar l-appoġġ baġitarju kien imwaqqaf biex jindirizza l-punti speċifiċi tas-sejbiet tal-awditjar tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni u se tfakkar Uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega r-regoli dwar l-irkupru ta' imgħaxijiet għall-prefinanzjament annwali ta' hawn fuq ta' iktar minn EUR 750 000. Barra minn hekk, sabiex jiżjed l-għarfien, rieżami sħiħa ta' dħul eventwali bl-imgħax irċevut fuq dawn il-prefinanzjamenti ser isir b'tali mod li tkun żgurata l-konformità mar-regolament finanzjarju.

ANNEX 1

RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJET GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP

	2012			2011	2010	2009
	Proġetti	Appoġġ baġitarju	Total			
DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN						
Total tal-impenji	23	7	30	30	30	50
Total tat-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾	127	40	167	163	165	170

RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR ⁽²⁾ ⁽³⁾

Proporzjon tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:

Ħielsa minn żball	68 % (86)	93 % (37)	74 % (123)	67 %	73 %	78 %
Milquta minn żball wieħed jew aktar	32 % (41)	8 % (3)	26 % (44)	33 %	27 %	22 %

Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball

Analiżi skont it-tip ta' żball

Żbalji mhux kwantifikabbli:	32 % (13)	33 % (1)	32 % (14)	46 %	49 %	65 %
Żbalji kwantifikabbli:	68 % (28)	67 % (2)	68 % (30)	54 %	51 %	35 %
Eliġibbiltà	71 % (20)	100 % (2)	73 % (22)	52 %	70 %	23 %
Okkorrenza	18 % (5)	0 % (0)	17 % (5)	38 %	17 %	23 %
Preċiżjoni	11 % (3)	0 % (0)	10 % (3)	10 %	13 %	54 %

IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBILI

Rata tal-iżball l-aktar probabbli

3,0 %

Limitu superjuri tal-iżball

4,5 %

Limitu inferjuri tal-iżball

1,5 %

⁽¹⁾ Il-167 tranżazzjoni jirrappreżentaw 167 unita ta' kampjunar taħt il-metodu ta' Kampjunar ta' Unità Monetarja użat mill-Qorti. Pagamenti kbar, partikolarment pagamenti kbar ta' appoġġ baġitarju, jistgħu jintgħażlu aktar minn darba, u jistgħu jidhru fit-tabella bħala aktar minn tranżazzjoni waħda (dan jiġri jekk huma akbar mill-intervall tal-kampjunar).

⁽²⁾ Biex jitjeb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.

⁽³⁾ Ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd tat-tranżazzjonijiet.

ANNEX 2

RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP TAĦT IL-BAĠIT TAL-UE

Valutazzjoni tas-sistemi eżaminati

Sistema kkonċernata	Kontrolli <i>ex-ante</i>	Monitoraġġ u sorveljanza	Awditi interni	Valutazzjoni kumplessiva
EuropeAid	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi	Parzjalment effettivi

SEGWITU TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar					Risposta tal-Kummissjoni	
		Implimentata bis-siġh	Being implemented		Mhux implimentata	Ma għadhiex tapplika		Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet	F'xi każijiet				
2010	Il-EuropeAid għandu jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju smat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli <i>ex-ante</i> u <i>ex-post</i> kollha jkunu ġew implimentati (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 62(a)).	X						
	Il-EuropeAid għandu jivvaluta l-kost-effettività tal-bosta kontrolli, l-aktar tas-sistemi ta' kontroll <i>ex-post</i> tat-tranżazzjonijiet (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 62(b)).			X			EuropeAid issieħeb ma' grupp ta' ħidma mmexxi mid-DĠ Baġit għal reviżjoni tal-kosteffettività tal-kontroll globali tiegħu.	
	Il-EuropeAid għandu jsaħħaħ l-effettività tal-monitoraġġ tal-proġetti, inklużi żjarat fuq il-post, abbażi ta' pjanijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni pluriennali (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 62(c)).			X			L-EuropeAid qed jiżviluppa għodod u gwida għad-delegazzjonijiet tal-UE biex jiġu prijorizzati aħjar iż-żjarat ta' monitoraġġ tagħhom għal proġetti u jivvaluta l-kwalità tar-rapporti tal-awditjar.	
	Il-EuropeAid għandu jirrevedi l-affidabbiltà ta' ċertifikati minn superviżuri esterni, awditi u verifikazzjonijiet tan-nefqa (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 63(a)).			X			Fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni msemmi fil-paragrafu 38, huwa previst li tittejjeb aktar il-kwalità tal-awditi esterni.	
	il-EuropeAid għandu jintroduċi sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni li jippermettu lid-Direttur Ġenerali u lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet jimmonitorjaw aħjar is-segwitu tar-riżultati minn żjarat fuq il-post, awditi esterni u verifikazzjonijiet tan-nefqa (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 63(b)).			X			EuropeAid qed jiżviluppa funzjonijiet ġodda fi ħdan il-modulu tal-awditjar fis-sistema ta' informazzjoni CRIS tagħha sabiex itejjeb is-segwitu ta' awditi u rapporti ta' verifika ta' nefqa.	
Il-EuropeAid għandu jorbot flimkien is-sistemi ta' informazzjoni Awditu CRIS u Ordnijiet ta' Rkupru CRIS (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 63(c)).	X							

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar					Risposta tal-Kummissjoni	
		Implimentata bis-sih	Being implemented		Mhux implimentata	Ma għadhiex tapplika		Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet	F'xi każijiet				
2010	Il-EuropeAid għandu jkompli fl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-data tkun irreġistrata b'mod preċiż, komprensiv u f'waqtu fis-sistema ta' informazzjoni CRIS (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 63(d)).			X			Qed isiru sforzi biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, iżda l-ebda informazzjoni finanzjarja u/jew kritika oħra hija nieqsa mill-CRIS. Master Plan ġdid tal-kwalità tad-dejta definit mill-ġdid inklużi azzjonijiet li jkopru t-tindif tad-dejta, it-titjib tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, id-dokumentazzjoni għall-utent u t-taħriġ ġie stabbilit u qed jiġi implimentat.	
	Il-EuropeAid għandu jiżgura li d-Delegazzjonijiet japplikaw b'mod konsistenti l-format u l-iskema l-ġdida għar-rappurtar annwali tad-Delegazzjonijiet dwar riformi ta' sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi f'pajjiżi li jirċievu sabiex jintwera b'mod aktar strutturat u formalizzat il-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 64(a)).		X				Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata b'mod sħiħ. Applikazzjoni onlajn għall-EAMR (Rapport Amministrattiv dwar l-Assistenza Esterna) kienet introdotta fl-2011 u tinkludi taqsima speċifika dwar l-Appoġġ Baġitarju u speċjalment dwar kwistjonijiet relatati mal-PFM. Din l-għodda hija disponibbli lid-delegazzjonijiet kollha tal-UE u hija obbligatorja kull meta jiġu implimentati programmi ta' Appoġġ Baġitarju f'pajjiż.	
	Il-EuropeAid għandu jippromovi, permezz ta' djalogu ta' politika, l-istabbiliment ta' oqfsa ċari ta' valutazzjoni fil-programmi ta' riforma ta' pajjiżi li jirċievu, dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ir-rapport annwali 2010, il-paragrafu 64(b)).	X						
2009	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest tar-reviżjoni ppjanata tiegħu tal-istrateġija ta' kontroll ġenerali tiegħu, jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli kollha <i>ex-ante</i> u <i>ex-post</i> ikunu ġew implimentati, ibbażat pereżempju fuq eżaminazzjoni ta' kampjun statistiku rappreżentattiv ta' proġetti magħluqa (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 54(a)).	X						
	Il-EuropeAid għandu, fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, jivvaluta l-effettività tal-ispejjeż tad-diversi kontrolli, speċjalment tas-sistema ta' kontroll tranżazzjonali <i>ex-post</i> (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 54(b)).			X			EuropeAid issieħeb ma' grupp ta' ħidma mmexxi mid-DG Baġit għal reviżjoni tal-kosteffettività tal-kontroll globali tiegħu.	

Sena	Rakkomandazzjoni tal-Qorti	Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar					Risposta tal-Kummissjoni	
		Implimentata bis-sħiħ	Being implemented		Mhux implimentata	Ma għadhiex tapplika		Evidenza insuffiċjenti
			Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet	F'xi każijiet				
2009	Il-EuropeAid għandu jiffinalizza u jxerred is-sett ta' għodod tal-ġestjoni finanzjarja b'mira lejn ir-riskju għoli inerenti ta' żbalji fil-livell ta' organizzazzjonijiet implimentattivi, kuntratturi u beneficijarji biex jiżgura għarfien adegwat tal-ġestjoni finanzjarja u r-regoli tal-eliġibbiltà (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 54(c)).	X						
	Il-EuropeAid għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-Delegazzjonijiet jirreġistraw id-data fl-Awditu CRIS b'mod komprensiv u f'waqtu (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 54 (d)).			X			Qed isiru sforzi biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, iżda l-ebda informazzjoni finanzjarja u/jew kritika oħra hija nieqsa mill-CRIS. Master Plan ġdid tal-kwalità tad-dejta definit mill-ġdid inklużi azzjonijiet li jkopru t-tindif tad-dejta, it-titjib tas-sistema tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll, dokumentazzjoni għall-utent u t-taħriġ ġie stabbilit u qed jiġi implimentat.	
	It-tfassil tal-Awditu CRIS għandu jiġi modifikat biex jipprovdi informazzjoni dwar l-ammonti tan-nefqa finali ineliġibbli u l-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula wara li jkun tlesta l-proċess tal-approvazzjoni tal-awditjar ma' min ikun qed jiġi awditjat (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 54(e)).			X			Fil-pjan ta' ħidma msemmi fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 38, huwa previst li permezz tal-modulu tal-Awditjar CRIS tiġi żviluppata għodda speċifika li se tippermetti lill-Kummissjoni taqmel segwitu xieraq tar-rapporti ta' awditjar.	
	Il-EuropeAid għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet speċifiċi għal porzjonijiet varjabbli bbażati fuq il-prestazzjoni jispeċifikaw b'mod ċar l-indikaturi, il-miri, il-metodi tal-kalkolu u s-sorsi tal-verifikazzjoni (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 55(a)).	X						
	Il-EuropeAid għandu jiżgura li r-rapporti tad-Delegazzjonijiet jipprovdu dimostrazzjoni strutturata u formalizzata tal-progress tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi billi jstabbilixxi b'mod ċar il-kriterji li fuqhom kellu jiġi vvalutat il-progress (jiġifieri r-riżultati li l-Gvern beneficijarju kellu jikseb matul il-perjodu kkonċernat), il-progress li sar u r-raġunijiet li għalihom il-programm ta' riforma seta' ma ġiex implimentat skont il-pjan (ir-rapport annwali 2009, il-paragrafu 55(b)).		X				Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata b'mod sħiħ. Tjeb il-qafas ta' prestazzjoni tal-Appoġġ Baġitarju, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni ta' Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju li nħarġu fl-2012.	